# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 316/2019**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Dario Vella**

Illum l-ewwel (1) ta' Ġunju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Dario Vella**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 237990(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-13 ta' Awwissu 2015 għall-ħabta tal-16.50hrs fi Triq Louis Wettinger, Mellieħa saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JBQ 198:

1. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat ma' vettura numru IMY 333 u nvolontarjament

ikkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' John Paul Caruana skont kif iċċertifikat Dr. Francesca Spiteri (MD Reg. No. 5676) mill-iSptar Mater Dei;

2. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat ma' vettura numru IMY 333 u nvolontarjament ikkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Angelina Harrop skont kif iċċertifika Dr. Andrea Fenech (MD Reg. No. 3685) mill-iSptar Mater Dei;

3. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat ma' vettura numru IMY 333 u nvolontarjament ikkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Sophie Harrop skont kif iċċertifika Dr. Andrea Fenech (MD Reg. No. 3685) mill-iSptar Mater Dei;

4. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat ma' vettura numru IMY 333 u nvolontarjament ikkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Annabelle Harrop skont kif iċċertifika Dr. Andrea Fenech (MD Reg. No. 3685) mill-iSptar Mater Dei;

5. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat ma' vettura numru IMY 333 u nvolontarjament ikkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' John Harrop skont kif iċċertifika Dr. Daniel Mc Kean (MD Reg. No. 3595) mill-iSptar Mater Dei;

6. saq l-imsemmija vettura b'veloċita' eċċessiva;

7. saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;

8. b'manjiera perikoluża; u

9. b'manjiera bla kont.

Il-Prosekuzzjoni talbet li Dario Vella jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-8 ta' Novembru 2019 fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolament 127 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikoli 15(1), (2) u (3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li sabet lill-imputat mhux ħati tal-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni, sabitu ħati tat-tieni (2), tal-ħames (5), tas-sitt (6), tas-seba' (7), tat-tmien (8) u tad-disa' (9) imputazzjoni u kkundannatu għal ħlas ta' multa komplessiva ta' mitejn u tnejn u tletin Euro (€232). L-Ewwel Qorti skwalifikat lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' tliet xhur, liema skwalifika kellha tibda tgħodd minn nofs il-lejl tad-data tas-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-26 ta' Novembru 2019 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: "*tirriforma s-sentenza appellata billi (a) tikkonfermaha in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti ma sabitx ħtija a bażi tal-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet; (b) tħassarha in kwantu sabitu ħati tat-tieni, tal-ħames, tas-sitt, tas-seba', tat-tmien u tad-disa' imputazzjonijiet u tiddikjarah mhux ħati tagħhom; (ċ) fl-eventwalita' li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-ħtija taħt waħda mill-imputazzjonijiet li tagħhom instab ħati quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, li tvarja l-piena imposta għal piena aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern.*"

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellant kien qed isuq fl-inħawi tal-*bypass* tal-Mellieħa meta ħabat ma' vann *ossia mini-bus* bin-numru ta' reġistazzjoni IMY 333 b'konsegwenza ta' liema kienu midruba diversi persuni, fosthom l-appellant, li ttieħdu l-isptar bl-appellant ikun f'qagħda kritika.

Illi bħala provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti tressqu, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Fl-affidavit ta' **PS 1586 R. Attard** (*a fol.* 16 *et seq.*) jirriżulta li l-Pulizija ma setgħetx tkellem lill-appellant minħabba l-pożizzjoni kritika li kien fiha fejn f'mument minnhom kien saħansitra fil-periklu li jitlef ħajtu. Jgħid li l-Pulizija nnutaw li l-passiġġieri fil-*mini-bus* bin-numru ta' reġistrazzjoni IMY 333 kienu midruba.

- Ġew ippreżentati numru ta' ċertifikati mediċi (*a fol.* 18 *et seq.*) li fihom hemm imniżżla d-dettalji tal-persuni li soffrew ġrieħi kif ukoll deskrizzjoni ta' dawn il-ġrieħi u n-natura tagħhom.

- Mill-Process Verbal (*a fol.* 36 *et seq.*) jirriżulta li l-Maġistrat Inkwirenti Dr. Donatella Frendo Dimech ordnat li jittieħdu passi kriminali fil-konfront tal-appellant allura imputat minħabba li bħala sewwieq tal-vettura Toyota Aygo tilef il-kontroll tal-istess vettura riżultat ta' sewqan eċċessiv b'konsegwenza ta' liema ħabat mal-*mini-bus* fejn iż-żewġ sewwieqa kif ukoll passiġġieri tal-*mini-bus* weġgħu serjament.

- Fl-Inkjesta Maġisterjali jirriżulta li l-appellant qal li kien qed isuq b'madwar 65/70km.f.s. u li f'daqqa waħda vettura mill-karreġġjata ta' ġewwa qabżitu minn ġewwa, ġiet quddiemu u għafset il-brejk b'dan illi hu għafas il-brejk ukoll u l-ewwel ġibed il-ġewwa u wara lejn il-lemin u kien f'dan il-ħin li tilef il-kontroll tal-vettura u ħabat mal-*mini-bus* li kien qed jinstaq fid-direzzjoni lejn l-Għadira waqt li l-appellant kien ukoll qed isuq fil-karreġġjata ta' barra iżda fid-direzzjoni ta' Selmun. Ma nstabu ebda brejk marks. Jirriżulta mix-xiehda ta' John Harrop u Angolina Harrop li s-sewwieq tal-*mini-bus* kien qed isuq bil-galbu.

- Skont **Joseph Zammit** li ġie nkarigat bħala Espert Tekniku fl-Inkjesta Maġisterjali, il-ħsarat fuq iż-żewġ vetturi kienet kompatibbli ma' ħabta ma' xulxin. Fil-riżultanzi tar-rapport tiegħu (*a fol. 45* et seq.), Zammit qal hekk: *"Fil-fehma tal-esponenti t-telfien tal-kontroll tat-Toyota Aygo huwa riżultat ta' sewqan eċċessiv u nuqqas ta' kontroll tal-vettura da parti tas-sewwieq tagħha"* (*a fol.* 53).

- Mix-xiehda ta' **John William Harrop** jirriżulta li x-xufier tal-*mini-bus* kien qed isuq tajjeb ħafna u li waqt l-inċident hu (Harrop) kien qed jongħos u qam f'daqqa malli sar l-inċident. Jgħid li ma kien sema' xejn qabel l-inċident. Jgħid li kellu ksur fil-*"phebia"* u brix f'idejh u fi spallejh.

- Anke **Angelina Harrop** qalet li x-xufier tal-*mini-bus* kien qed isuq bil-galbu. Tgħid li raqdet mat-triq u qamet mal-ħabta u li kienet mitfugħa 'l quddiem u beda ħiereġ id-demm minn imneħirha.

- Wara li l-appellant **Dario Vella** ngħata s-solita twissija huwa xehed li kien fil-karreġġjata ta' barra u li kien hemm il-vetturi quddiemu u li f'daqqa waħda wieħed mill-karreġġjata ta' ġewwa qabżu minn ġewwa bi *speed* qawwi, ġie quddiemu (quddiem Vella) u għafas il-brejk u anke hu għafas il-brejk. Jgħid li peress li nħasad, il-vettura l-ewwel ġibdet lejn ix-

xellug u wara l'barra lejn il-lemin u l-vettura ħaditu. Qal li kien qed isuq bi *speed* ta' madwar 65/70km.f.s.. Jgħid li ħabat ma' *mini-bus* u mad-daqqa l-vettura li kien fiha daret.

- Anke **John Paul Caruana** xehed fl-Inkjesta Maġisterjali iżda l-Ewwel Qorti (*a fol.* 174 *et seq.*) ordnat li d-depożizzjoni mogħtija minnu tiġi sfilzata minħabba li ma setgħax jiġi rintraċċat sabiex isirlu l-kontro-eżami tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-aggravji tal-appellant huma fil-maġġor parti tagħhom dwar l-apprezzament tal-fatti. Il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

---

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa dwar in-nuqqas ta' kwerela in konnessjoni mat-tieni (2) imputazzjoni li tirrigwarda l-allegata ferita ta' natura ħafifa fuq Angelina Harrop li lanqas biss xehdet. Jisħaq li l-kwerela hija meħtieġa skont Artikolu 226(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta meta l-ferita sofferta tkun waħda ħafifa.

Illi din il-Qorti tinnota li t-tieni (2) imputazzjoni hija dwar ferita ta' natura ħafifa u skont Artikolu 226(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-proċediment jista' jittieħed biss *"fuq kwerela tal-parti offiża"*. Din il-Qorti tinnota li din il-kwerela ma tirriżulta minn imkien fl-atti proċesswali. Apparti minn dan, dawn kienu proċeduri kienu sommarji. Għaldaqstant il-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant u tiddikjara lill-appellant mhux ħati tat-tieni (2) imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa dwar l-apprezzament tal-provi in konnessjoni mal-allegati ġrieħi sofferti. Jisħaq li la Angelina Harrop u lanqas John Harrop ma xehdu quddiem l-Ewwel Qorti u li l-unika verżjoni li hemm minn dawn il-vittmi hija l-verżjoni quddiem l-espert il-Perit Richard Aquilina li ġie nominat fl-Inkjesta Maġisterjali. Jgħid li qatt ma ġie ppruvat in-ness bejn iċ-ċertifikati mediċi ta' Angelina u John Harrop għaliex dawn qatt ma xehdu. Jisħaq li meta wieħed jeżamina x-xiehda tal-allegati vittmi fl-*in genere* maċ-ċertifikati mediċi jidher li hemm kunflitt fil-provi. Jgħid li għalkemm John Harrop xehed li kellu ksur fil-*"phebia"*, dan it-terminu ma jirreferi għall-ebda għadma u ma għandu l-ebda konnotazzjoni fis-settur tas-saħħa. Jgħid li dan seta' kien *lapsus calami* u ried jgħid *"tibia"* imma ċ-ċertifikat ma jurix li kien hemm xi ksur f'sieq John Harrop. L-appellant

---

1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

jissottometti li ma ġiex ippruvat sal-grad rikjest mil-liġi r-rabta bejn il-ġrieħi deskritti u l-inċident stradali.

Illi din il-Qorti tinnota li tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni li ġiet kunsidrata fl-ewwel aggravju li ġie milqugħ, dwar l-apprezzament tal-provi dwar il-ġrieħi fit-tieni aggravju din il-Qorti ser tillimita ruħha għall-ġrieħi allegatament sofferti minn John Harrop. Fil-ħames (5) imputazzjoni l-appellant allura imputat ġie akkużat li kkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' John Harrop.

Illi din il-Qorti tqis li meta l-espert il-Perit Richard Aquilina ħa d-depożizżjoni ta' John Harrop huwa kiteb li l-imsemmi Harrop qallu: *"I had a broken phebia and was operated on on the same day"* (*a fol.* 86). Filwaqt li jista' jagħti l-każ li l-Perit Aquilina kiteb il-kelma *"phebia"* bi żball, il-kelma *"tibia"* teżisti u hija għadma. Ma jfissirx li hemm xi kunflitt bejn dak li qal il-mediku u dak li qal il-vittma. Lanqas ma hu każ li japplika l-prinċipju *in dubio pro reo* għaliex fid-dawl tal-affidavit ta' Dr. Daniel McKean (*a fol.* 161) u ċ-ċertifikat minnu rilaxxat fir-rigward ta' John Harrop jirriżulta li l-prova saret skont il-liġi. In fatti fl-affidavit imsemmi jirriżulta li Dr. Daniel McKean ddeskriva l-offiżi sofferti minn John Harrop bħala gravi u qal li dawn kienu s-segwenti: *"bruise (L) knee"*, *"fracture (L) hip"* u *"disclocation (L) hip"*.

Illi din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tiddubita li dak soffert minn John Harrop ġie kaġunat bħala konsegwenza tal-inċident stradali in kwistjoni. Tenut kont ta' dan u ta' dak li ngħad aktar 'il fuq, it-tieni aggravju tal-appellant fir-rigward tal-ħames (5) imputazzjoni qed ikun miċħud b'dan illi l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet ħtija fl-appellant fir-rigward tal-imputazzjoni msemmija.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti ser tqies it-tielet u r-raba' aggravju tal-appellant flimkien peress li hija tal-fehma li huma konnessi.

Illi t-<u>tielet aggravju</u> tal-appellant huwa dwar l-apprezzament tal-provi rigward is-sewqan b'mod eċċessiv. L-appellant ma jaqbilx mal-konklużjoni tal-espert Joseph Zammit meta qal: *"Fejn it-tyres bil-ħsara dan jirriżulta ikkaġunat bl-impatt tal-ħabta u mhux qabel l-inċident u fuq il-post ma kienx hemm marki ta' break marks li setgħu ġew applikati mis-sewwieq tat-Toyota Aygo sabiex jevita dan l-inċident"* (*a fol.* 52). Huwa ma jaqbilx lanqas ma' l-espert Zammit meta qal: *"Fil-fehma tal-esponent t-telfien tal-kontroll tat-Toyota Aygo huwa riżultat ta' sewqan eċċessiv u nuqqas ta' kontrol tal-vettura da parti tas-sewwieq tagħha"* (*a fol.* 53). Jisħaq li l-espert naqas milli jagħmel distinzjoni bejn vettura li tuża s-sistema ABS u vettura li tagħmel użu minn sistema diversa. Jgħid li s-sistema tal-ABS ma tħallix marki u li lanqas ma kienet stabbilita l-veloċita'. Jgħid li anqas ma ġiet ippruvata l-veloċita' permessa f'dawk l-inħawi fejn sar l-inċident. Jisħaq li s-sitt (6) imputazzjoni addebitata kontra tiegħu ma ġietx ippruvata fil-grad rikjest mil-liġi.

Illi r-<u>raba' aggravju</u> huwa dwar l-allegat sewqan traskurat, perikoluż u bla kont. L-appellant jagħmel riferenza għal ġurisprudenza u jgħid li ta spjegazzjoni ċara *a tempo vergine* ta' kif seħħ l-inċident u x'kienet il-konsegwenza li wasslet għall-inċident. Jgħid li minn din id-deskrizzjoni jirriżulta li hu ma seta' jagħmel xejn. Jisħaq li ma ġiex ippruvat lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-inċident seħħ minħabba li hu kien qed isuq b'mod traskurat, b'nuqqas ta' ħsieb jew b'nuqqas ta' ħila.

Illi t-tielet u r-raba' aggravju tal-appellant jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi dwar sewqan eċċessiv, traskurat, perikoluż u bla kont. Din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Frar 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Grech** (Numru 362/2006) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Kif ġie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** deċiż fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:

"Sewqan traskurat (*negligent driving*) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll għal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi Artikolu 15 bħala sewqan 'bi traskuraġni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuraġni tkun kbira u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'għandux jieħu minħabba l-probabbilita' ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji. Sewqan perikoluż (*dangerous driving*) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjeta' tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-ħin u l-lokalita' ta' l-inċident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema każ japplikaw id-disposizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Għall-finijiet ta' piena l-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluż fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriż u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluż (ara **The Police vs. Charlotte Chamberlain**, Appell Kriminali, 21/5/96)".

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Gellel** deċiż fid-19 ta' Frar 2004:

> "... kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negliġenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluż hi kwistjoni ta' '*degree*' (App. Krim. **Pul. vs. Charles Bartolo**, 14.3.59, **Pol. vs. Wilson** [Vol. XXXIX iv. 1018] u **Pul. vs. Alfred Vella** [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' tagħhom (App. Krim. **Pul. vs. Hardingham**, 19.10.1963). Ġie wkoll ritenut li biex jintegra ruħu r-reat ta' sewqan perikoluż, hemm bżonn ta' ċertu grad ta' '*recklessness*' (App. Krim. **Pul. vs. Charles Farrugia** [Vol. XXXIX iv.9 78]). *'Recklessness'* ġiet definita bħala *'wilfully shutting one's eye'* (App. Krim. **Pul. vs. Joseph Aquilina**, 20.4.1963). Inveċe sewqan negliġenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. **Pul. vs. Antonio Spiteri** [Vol. XLIV iv. 892])"."

Illi din il-Qorti tinnota li s-sewqan eċċessiv ma jitkejjilx biss mill-brejk marks jew milli wieħed jistabbilixxi l-i*speed*. In fatti din il-Qorti fliet ir-rapport (*a fol.* 45 *et seq.*) redatt milli espert Joseph Zammit fejn l-espert jeskludi li kien hemm involuti xi terzi persuni jew vetturi oħra għaliex ma nstabu ebda provi dwar dan. Apparti minn dan, minn l-istess rapport jirriżulta li kemm il-vettura Toyota Aygo u kif ukoll il-*mini-bus* ġarrbu ħsarat estensivi (*a fol.* 56) u jirriżulta wkoll li t-Toyota Aygo daħlet u ħabtet b'daqqa soda fuq il-parti frontali tal-*mini-bus* fuq in-naħa tax-xellug tagħha *"fejn bl-istess daqqa din daret u marret aktar lura sa fuq il-linja medjana"* (*a fol.* 59). Ir-rapport ikompli hekk (*a fol.* 52 u 53):

> "Mill-eżamijiet tekniċi li l-esponent għamel fuq it-Toyota Aygo ma kienx jirriżulta li t-telf ta' kontroll da parti tas-

sewwieq tagħha kien jew seta' ġie kkaġunat minn xi ħsara teknika fl-istess vettura li setgħet seħħet qabel ma ġara dan l-inċident, u dan billi mill-eżamijiet tekniċi ma tirriżulta ebda ħsara bħal qtugħ ta' *steering* jew xi splużjoni ta' *tyre*. Fejn it-*tyres* kienu bil-ħsara dan jirriżulta kkaġunat bl-impatt tal-ħabta u mhux qabel l-inċident u fuq il-post tal-inċident ma kienx hemm marki ta' *brake marks* li setgħu ġew applikati mis-sewwieq tat-Toyota Aygo sabiex jevita dan l-inċident.

[...]

Fil-fehma tal-esponent it-telfien tal-kontroll tat-Toyota Aygo huwa riżultat ta' sewqan eċċessiv u nuqqas ta' kontroll tal-vettura da parti tas-sewwieq tagħha."

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-rapport ta' l-espert Zammit huwa analiżi xjentifika u hu msaħħaħ bir-ritratti eżebiti. Li kieku s-sewqan kien wieħed bil-ġalbu u dak li wieħed jistenna minn sewwieq raġonevoli ma kinitx tiġri dik il-ħsara kollha. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li r-ritratti huma prova qawwija tal-ħsarat li ma kienux iseħħu li kieku l-appellant kien qed isuq skont ir-regolamenti. Irid jittieħed ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li ġie ppruvat li s-sewwieq tal-*mini-bus* kien qed isuq bil-galbu tant li John Harrop u martu Angelina Harrop iddeskrivew is-sewqan tiegħu bħala tali u saħansitra Angelina Harrop raqdet.

Illi meta l-appellant xehed quddiem l-espert il-Perit Richard Aquilina huwa qal li kien qed isuq fil-*by pass* u qabeż il-barriera l-antika u li kien qed isuq fid-direzzjoni lejn Selmun, fil-karreġġjata ta' barra u f'daqqa waħda, wieħed minn ġol-karreġġjata ta' ġewwa qabeż b'veloċita' kbira, mar quddiemu u għafas il-brejk u hu (l-appellant) għall-ewwel ġibed lejn ix-xellug u wara lejn il-lemin u l-vettura ħaditu. Din il-Qorti tinnota li l-appellant mhuwiex kredibbli meta jgħid li kien qed isuq bi speed ta' madwar 65/70km.f.s. u dana peress li sewwieq li ma jkunx qed isuq b'sewqan eċċessiv ikun jista' jirreaġixxi b'mod ħafna aħjar milli fil-fatt ġara f'dan l-inċident.

Illi wara li din il-Qorti xtarret il-fatti u qieset is-sottomissjonijiet magħmula mill-appellant u meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti tasal għal konklużjoni li tiċħad kemm it-tielet aggravju u kif ukoll ir-raba' aggravju tal-appellant u għaldaqstant tikkonferma l-ħtija fl-appellant fis-sitt (6), fis-seba' (7), fit-tmien (8) u fid-disa' (9) imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi meħud in konsiderazzjoni tal-fatt li din il-Qorti ddikjarat li l-appellant għandu jkun liberat mit-tieni (2) imputazzjoni, b'hekk il-multa erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant ser tiġi mnaqqsa wara li jittieħdu in konsiderazzjoni Artikoli 17(f) u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Dario Vella u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellant ħati ta' l-ewwel (1), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-ħames (5), tas-sitt (6), tas-seba' (7), tat-tmien (8) u tad-disa' (9) imputazzjoni;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tat-tieni (2) imputazzjoni u tilliberah minn kull ħtija u piena fir-rigward tagħha;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ikkundannat lill-appellant iħallas multa komplessiva ta' mitejn u tnejn u tletin Euro (€232) u minflok tikkundanna lill-appellant iħallas multa komplessiva ta' mitejn Euro (€200);

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie skwalifikat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' tliet xhur, liema skwalifika tibda tgħodd minn nofs il-lejl u minuta ta' għada fil-għodu.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**